# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 7**

**Avviz numru 106/01/SM**

**Perit Philip u Maryrose konjugi Azzopardi**

**vs**

**Paul u Ignazia sive Nancy konjugi Gladwish**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Ihallsuhom is-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin (LM283.00,0) oltre l-imghax legali mill-4 t'April, 2000 ta' servizzi professjonali rezi mill-attur ghall-applikazzjoni ghall-permess tal-bini tal-fond Byron, Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun**

kif ukoll ghal servizzi professjonali ohra rezi mill-istess attur in konnessjoni ma' xogholijiet minnu esegwiti skond statement of account anness u immarkat Dok. A;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Jannar 2001 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-6 t'April tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi primarjament l-kawza attrici hija ntempestiva stante li kontrarjament dak allegat mill-atturi l-konvenuti qatt ma gew interpellati biex ihallsu l-ammont mitlub;

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante illi primarjament l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv;

3. Illi s-servizzi professjonali kif elenkati fl-'statement of account' ippresentat u immarkat Dok. A ma gewx rezi kollha mill-attur il-Perit Philip Azzopardi;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mill-atturi semmai ghandu jigi ridott stante li l-konvenuti hallsu lill-atturi s-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltin (LM115.00,0) permezz ta' cheque numru 339 u datat 8 ta' Jannar 2001;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-konvenuti datata d-29 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha rregistraw ammissjoni;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici u tikundanna lill-konvenuti

**Paul u Ignazia sive Nancy konjugi Gladwish biex ihallsu lill-atturi s-somma ta' mitjen u tlieta u tmenin Lira Maltin, (LM283.00,0), oltre l-imghax legali mill-4 t'April tas-sena 2000 kif dedotti fl-avviz in dizamina, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**